MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 536/2008

**Stella Calleja [I.D. 199043 M], li qed tidher ghan-nom taghha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Stephen Salvatore Dalley sive Stephen Salvatore Dalli, Carmen Maria Kasprzycki, Michael Dalli, Diane Sharp, Rosemary sive Rose Anderson, Yvonne Falzon, Helen Azzopardi, Julian Dalli u George Dalli; Joseph Calleja [I.D. 775226 M] u Josephine Dalli [I.D. 256727 M]; Pio Dalli [I.D. 937447 M] li qed jidher ghan-nom tieghu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Maria Antoinette Dalli; Nazzareno Dalli [I.D. 819840 M], Antonio Dalli [I.D. 34843 M], Joseph Dalli [617635 M], Carmela Dalli [I.D. 539937 M] u Luigi Dalli [I.D. 263833 M]**

**vs**

**Mary Dalli [I.D. 428634 M]**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-atturi fit-2 ta' Gunju, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

Illi l-partijiet hawn fuq indikati huma ko-proprjetarji tal-fondi go Sqaq Ciantar, li ghandhom tlett bibien maghrufa bin-numri tlettax (13), erbatax (14) u hmistax (15) [gja tmienja (8), disgha (9) u ghaxra (10)], u bil-btiehi kollha ta' maghhom, u flimkien maz-zewg fondi numru disgha u tletin (39) u erbghin (40) [gja wiehed u ghoxrin (21) u tnejn u ghoxrin (22)], li ghandhom access minn Telghat Birkirkara, Ta' Giorni go San Giljan, limiti ta' San Giljan, u liema zewg fondi ta' l-ahhar ghandhom access ukoll minn Ciantar Lane, u dawn ilkoll bl-arja libera taghhom u flimkien mas-sottoswol taghhom, izda eskluza s-sottoswol ta' loggja li hemm li tghaqqad il-proprjetarjiet imma bl-arja tal-istess loggja, u liema loggja hija sovrastanti *cul de sac* li jisbokka ghal go Ciantar Lane, u dawn liberi u franki, bid-drittijiet u l-pertinenzi taghhom kollha u bis-servitujiet ta' prospett u access minn go dan il-*cul de sac* surriferiet oltre fit-toroq hawn fuq imsemmija; u liberi minn servitujiet gravanti terzi sakemm mhux imsemmija hawn isfel, u bil-pussess battal tal-fondi 13, 14 u 15; izda l-fondi l-ohra 39 u 40 soggetti ghall-okkupazzjoni minn terzi 'titolu ta' lokazzjoni;

Illi din il-proprjeta kienet tappartjeni lil Antonio u Marianna konjugi Dalli li mietu fl-1962 u fl-1968 rispettivament, u li l-wirt taghhom iddevolva fuq it-tlett uliedhom Salvatore Dalli, Maria Dalli u Samuele Dalli;

Illi l-imsemmi Salvatore Dalli miet fil-27 ta Frar, 1960 u sehemu mill-wirt tal-genituri tieghu ddevolva fuq id-disa' wliedu r-rikorrenti Stella Calleja, Guza Dalli, George Dalli, Julian Dalli, Helena Azzopardi, Marianna Dalli [li mietet fil-29 ta' Lulju, 1967 u li s-sehem taghha ddevolva fuq hutha u s-successuri taghhom], Costantino Dalli [li miet fil-23 ta' Ottubru, 2005 u li sehemu ddevolva fuq uliedu r-rikorrenti Stephen Dalli u Carmen Maria Kasprzycki], Paul Dalli [li miet fil-4 ta' Lulju, 2002 u li sehemu ddevolva fuq uliedu Joseph Dalli u r-rikorrenti Michael Dalli, Yvonne Falzon, Diane Sharp u Rosemary Anderson], u John Dalli li miet fil-4 ta' April, 2006 u sehemu ddevolva fuq martu l-intimata

Mary Dalli. Ir-rikorrenti Stella Calleja flimkien ma’ zewgha r-rikorrenti Joseph Calleja akkwistaw is-sehem ta’ Joseph Dalli mill-eredita’ msemmija;

Illi l-imsemmija Maria Dalli mietet fil-20 ta’ April, 1984 u sehemha mill-wirt tal-genituri taghha ddevolva fuq il-hames uliedha r-rikorrenti Carmela Dalli, Antonio Dalli, Joseph Dalli, Nazzareno Dalli u Luigi Dalli;

Illi l-imsemmi Samuele Dalli miet fil-9 ta’ Frar, 1977 u sehemu mill-wirt tal-genituri tieghu ddevolva fuq iz-zewg uliedu r-rikorrenti Pio Dalli u Antoinette Dalli;

Illi ghalhekk sehem l-intimata mill-imsemmija proprjeta huwa ta’ sehem minn erba’ u ghoxrin (1/24);

Illi l-komunjoni tal-proprjeta ilu jissussisti mill-mewt ta’ Marianna Dalli fil-1968 u ghalhekk ghal hafna izjed minn ghaxar (10) snin;

Illi fil-25 ta’ April, 2007, ir-rikorrenti kollha obbligaw rwiehhom li jbieghu s-sehem taghhom mill-proprjeta bazat fuq il-prezz ta’ mija u ghoxrin elf lira Maltin (Lm120,000) ghall-intier favur Brian Degiorgio li obbliga ruhu li jixtri u jakkwista b’dak il-prezz basta tinbiegh l-intier tal-proprjeta minghajr ebda sehem nieqes u dana taht il-kundizzjonijiet kollha ndikati fil-konvenju, kopja hawn ezebita bhala **Dok. A**, maghmul min-Nutar Dr. Malcolm Mangion;

Illi l-esponenti qeghdin flimkien ma’ dan ir-rikors jannettu dikjarazzjoni u prospett skond l-Artikolu 495 A (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta (**Dok. B u C**);

Illi l-intimata rrifjutat li tiffirma l-konvenju flimkien mar-rikorrenti minkejja li l-prezz huwa vantagguz u l-bejgh mhux ta’ pregudizzju ghaliha u l-esponenti ma jixtiequx jibqghu izjed fi stat ta’ komunjoni maghha. Ghalhekk kellhom jittiehdu dawna l-proceduri;

Talbu ghaldaqstant lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. tawtorizza l-bejgh tal-ishma kollha fil-proprjeta fuq imsemmija u dana bil-prezz ta' Lm120,000 (€279,524.80) ghall-intier u taht il-kundizzjonijiet indikati fil-konvenju Dok. A;

2. tiffissa l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv li ghandu jsir minn Nutar Malcolm Mangion, maghzula mill-kompratur prospettiv u tinnomina kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa stess ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuta li naqset li tipprezentaw risposta guramentata u b'hekk baqghet kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat u hekk tawtorizza l-bejgh tal-ishma kollha fil-proprjeta fuq imsemmija u dana bil-prezz ta' mitejn u disgha u sebghin, hames mija u erbgha u ghoxrin euro u tmenin euro centezmu (€279,524.80) ekwivalenti ghal mija u ghoxrin elf lira Maltija (Lm120,000) ghall-intier u taht il-kundizzjonijiet indikati fil-konvenju Dok. A u tordna li tali pubblikazzjoni tal-att relattiv issir fid-9 ta' Dicembru 2008 f'nofsinhar f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri il-Belt Valletta permezz ta' att pubbliku relattiv li ghandu jigi ippubblikat minn Nutar Malcolm Mangion, u qeghda tinnomina bhala kuraturi lill-Avukat Dr Mark Busuttil u lill-P.L. Mario Mifsud Bonnici sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci li jonqsu li jidhru fuq l-istess kuntratt hawn ordnat, b'dan pero' illi s-sehem tal-eventwali kontumaci jigi depozitat mill-istess Nutar b'cedola ta' depositu apposita f'isem il-

kuraturi deputati li jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci f'dawn il-proceduri u dan fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-atti relattiv hawn ordnat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------